KLR 16/VI/2010

Minuti tas-sittax -il laqgħa tas-sitt Kunsill Lokali tar-Rabat Għawdex. Din inżammet fl-uffiċċju amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ġimgħa 24 ta' Settembru 2010 fil-17.30.

PREŻENTI:- Is-Sindku, l-Av. Samuel Azzopardi, il-Viċi Sindku Marċel Tabone, il-membri Dr. Michael Portelli, Michel Buttiġieġ, Josef Schembri u Carmel Theuma u s-Seg. Eżekuttiv Miriam Attard.

SKUŻAT:- Joe Debrincat.

Intqalet it-talba u ġew approvati l-minuti ta' l-aħħar laqgħa.

**1. Mill-Minuti**

1.1 Il-kunsillier Portelli ġibed l-attenzjoni sabiex ir-residenti ta' Triq ta' Wara s-Sur, l-ewwel parti ta' Triq Wied is-Seqer, Triq Ġanni Vassallo u l-inħawi, jiġu nfurmati bl-intenzjoni tal-Kunsill li fl-*area* jsir Ċentru Ċiviku bil-parkeġġ taħtu għall-pubbliku. Il-membri qablu li dan isir meta tiġi approvata d-devoluzzjoni tas-sit.

1.2 Is-Sindku semma l-attivita' 'Beyond D Walls' organiżżata mill-Youth Local Council. Din kienet suċċess u kien hemm parteċipazzjoni tajba miż-żgħażagħ.

1.3 Dwar it-tibdil fil-format tal-*website* tal-Kunsill, il-membri qablu li jintalab lill-George Larry Żammit sabiex jipprepara *specifications* sabiex ikunu jistgħu jintalbu stimi għal dan ix-xogħol.

1.4 Dwar is-sistema l-ġdida tal-Local Enforcement System (LES) u kif ser titħaddem mill-Kumitat Konġunt, il-Kunsill tar-Rabat Għawdex iddiskuta l-proposta tas-Segretarjat Parlamentari għall-Kunsilli Lokali sabiex l-offerta kurrenti ta' l-(LES) tiġi tapplika għar-Reġjun t'Għawdex kollu, mill-1 ta' Ottubru 2010. Il-membri tal-Kunsill Lokali tar-Rabat Ghawdex ma qablux ma dan għalhekk il-Kunsill tagħna ma jistax jagħti l-kunsens li l-offerta kurrenti tiġi estiża għar-Reġjun t'Għawdex kollu. Il-Kunsill jaqbel li din is-sistema tinbeda minn meta jibda japplika t-tender il-ġdid.

1.5 Rigward is-Serata di Gola is-Sindku għarraf lill-membri li f'Ottubru ser ikun hawn tlett raprreżentanti tat-teatru Arena del Sole minn Bologna sabiex jinbdew il-preparamenti.

**2. Offerta Ġbir ta' Skart Organiku/Imħallat.**

Il-membri qablu li din l-offerta toħroġ f'Ottubru skond id-dokument anness.

**3. Pjazza San Ġorġ**

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li l-Inġ. Ray Piscopo mill-MEPA, għamel *site inspection* fejn ra x-xogħol tad-dawl li qed isir f'din il-pjazza.

Dwar l-abbużi li qed isiru minn vetturi li jidħlu fil-pjazza mingħajr permess, il-membri qablu li jinbeda l-proċess sabiex isir *CCTV cameras* bħal ma hemm fi Pjazza San Franġisk.

Is-Sindku għarraf lill-preżenti li saret laqgħa ma rappreżentanti tal-Fondazzjoni Belt Victoria li qed jieħdu ħsieb il-bini tal-mużew li qed jinbena fil-bidu ta' Triq Karita'. Sar ftehim li sakemm isir ix-xogħol tad-dawl, il-makkinarju tal-bennej ta' dan il-mużew jiddaħħal minn Triq Karita'.

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jgħamel *deadline* li jrid jimxi magħha sabiex jitlesta l-proġett kollu tal-pjazza. Il-pendenzi huma it-tlestija tad-dawl bil-*casing* ta' ma' l-erba' kantunieri tal-pjazza, il-funtana, l-*embellishment* u t-tanġar tal-parti ta' taħt il-loġġoġ.

Rigward il-funtana li għandha issir fil-pjazza is-Sindku ressaq disinn imħejji minn GaleaCurmi Eng. Consultants Ltd. sabiex il-Kunsill ikollu l-għażla bejn il-funtana tal-bronż u alternattiva oħra li tħaddem sistema ta' *water spouts* simili ghal ta' Pjazza San Ġorġ tal-Belt Valletta u Pjazza Sant'Anna tas-Sliema. Din tkun ma' l-art u tkun tista' tintefa kull meta jkun hemm il-bżonn. Is-Sindku suġġerixxa li fil-*public consulation* jissemmew iż-żewġ alternattivi u mbagħad il-Kunsill jieħu d-deċiżjoni finali fejn isib bilanċ bejn il-prattiċita', l-ispejjes involuti u t-tisbieħ tal-pjazza.

Is-Seg. Eżekuttiv ġibdet l-attenzjoni li l-Kunsill għandu jibqa' joqgħod attent sabiex ma jidħolx fi spejjes oħra bla bżonn. Dan minħabba l-limitazzjoni fil-fondi li huma għad-disposizzjoni tal-Kunsill. Filfatt semmiet il-proġetti kapitali li għad iridu jitħallsu li kienu inbdew mill-kunsill preċedenti. Dawn kif imniżżla hawn taħt u ċ-ċifri huma approssimattivi.

| | € | |
|---|---|---|
| **Pjazza San Ġorġ** | | |
| Silhouette (dawl) | 19,150 | |
| A.F.Ellis (granit) | 13,643 | |
| Joe Grima (bini ta' l-art) | 86,212 | |
| MEPA (li għad iridu jidħlu) | (96,000) | |
| | | 23,005 |
| **Joe Grima** | | |
| J.F,Kennedy Square, rampi, bankini, eċċ. | 59,596 | |
| MEPA (li baqa' jidħlu mill-UIF) | (38,000) | |
| | | 21,596 |

| | | |
|---|---|---|
| **A&E Mintoff Co. Ltd.** | | |
| Passaġġ bl-*istencil* maġenb il-konservatorju ta' l-Isqof | 6,232 | 6,232 |
| | | |
| **Gatt Tarmac** | | |
| Triq iċ-Ċangar (il-Mitħna) | 24,519 | |
| Triq Mons. Luiġi Vella | 20,000 | |
| Qasam San Ġroġ quddiem il-ġnien | 15,000 | |
| Tarmac taċ-Ċawla H.E. | 15,000 | |
| | | 74,519 |
| Total | | €125,35 |

Ma dawn wieħed irid iżid ix-xogħol tat-tqegħid tad-dawl ta' Pjazza San Ġorġ u x-xogħol ta' Nicky Saliba li kien baqa' jisr f'taċ-Ċawla H.E. u l-ispejjes kurrenti tal-kuntratti tas-servizzi li jammontaw għal madwar €202,000 fis-sena.

**4. Approvazzjoni tal-kontijiet pendenti**

Ġew approvati l-kontijiet pendenti. Dan skond dokument B anness.

**5. *Playing Field***

Il-membri qablu li l-fondi li hemm fl-Urban Improvement Fund (UIF) tal-MEPA jiġu allokati għall-proġett tal-*playing field*. Qablu wkoll li malli jiġi pubbliakt il-Pjan Lokali għal Għawdex u Kemuna tiġi sottomessa l-applikazzjoni mal-MEPA u sakemm joħroġ il-permess, l-aperturi li hemm fil-kiosk jingħalqu temporanjament peress li l-ħġieġ tkisser minn xi vandali u qed ikun ta' periklu.

**6. Attivitajiet tal-Milied – *Christmas Village,* Kunċert tal-Milied u *New Year's Eve in the City.***

Il-membri qabu li l-Christmas Village jerġa' jsir fi Pjazza San Ġorġ bejn it-28 ta' Novembru u l-5 ta' Diċembru 2010. Ser isir avviż fil-gażżżetti The Malta Independent u The Times sabiex min ikun interessat li jbiegħ affarijiet relatati mal-Milied ikun jista' japplika fil-Kunsill. Ser jintalbu stimi għall-kiri tal-*huts* għal dan il-Christmas Village u anke' għat-tinda l-kbira li tintrama fi Pjazza Indipendneza għall-attivita' ta' Lejliet l-Ewwel tas-sena. Il-membri qablu li jiġi diskuss mal-Kumitat tal-Banda Ċittadina La Stella sabiex tiġi deċiża d-data ta' meta għandu jsir il-kunċert tal-Milied fi Pjazza Indipendenza taħt it-tinda l-kbira.

**7. *Week-End Break***

Is-Sindku talab lill-membri sabiex jiddeċiedu fuq id-dati ta' meta jista' jsir dan il-*week-end break* u anke' fuq il-programm ta' matul dawn il-ġranet. Il-membri qablu.

**8. Materji oħra**

8.1 Il-kunsillier Portelli ssuġġerixxa li jintalab li-Transport Malta sabiex quddiem il-bieb ta' 50, Triq Alfons Maria Ħili jsir *double yellow line* peress li f'din id-dar tgħix persuna li tuża l-*wheelchair* u qed issibha diffiċli toħroġ billi jkun hemm il-vetturi pparkjati eżatt mal-bieb. Għandu jintbgħat ukoll ċertifikat mediku li jixhed dan. Il-membri qablu.

8.2 Rigward il-Proġett tal-foss kien hemm korrispondenza mal-MEPA li turi li kien hemm xi opinjonijiet diverġenti min-naħa tal-MEPA fis-sens illi kien hemm xi *issues* għal persuni b'diżabilita' u fuq it-tip ta' turf li jkun jista' jintuża u dwar il-konservazzjoni ta' sejbiet arkeoloġiċi. Il-Kunsill qabel li l-perit tal-Kunsill għandu jindirizza dawn l-*issues* mill-iktar fis possibli ħalli jinżamm ir-ritmu għaddej.

Il-laqgħa spiċċat fis-19.30 u t-tkomplija ta' din il-laqgħa ser issir nhar il-Ħamis 30 ta' Settembru 2010 fil-17.30.

Av. Samuel Azzopardi
Sindku

Miriam Attard
Seg. Eżekuttiv